SAN LAWRENZ

Il-Minuti tal-hamsa u għoxrin laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz li nżammet nhar l-Erbgha 1 t' April 2009 fis-2:00 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali San Lawrenz .

Preżenti:

| | |
|---|---|
| *Sindku:* | Noel Formosa |
| *Viċi-Sindku:* | Anthony Formosa |
| *Membri:* | Luigia Grima<br>John Mercieca<br>Joseph Sultana |
| *Segretarju Eżekuttiv:* | Lucienne Haber |

1.0 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

2.0 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**3.0 <u>Korrispondenza</u>**

3.1 Giet trattata l-applikazzjoni tal-izvilupp bin-numru PA0640/09. Il-Kunsill ma sab l-ebda oggezzjoni.

3.2 Giet trattata l-ittra minghand il-kumpanija Modelle International ghal kompetizzizjoni ta' "Gozo Beauties" Sar qbil li jekk ghadna fiz-zmien, ghandna ninfurmaw lit-tfajliet bejn is-16 u l-25 sena biex naraw jekk iridux jikkompetu.

3.3 Giet trattata wkoll l-ittra minghand l-ETC rigward il-Community Workers Scheme. Il-Kunsill qabel li jista jitlob ghal skrivan part-time, cleaner ghall-ufficini, kennies u anke haddiema li jibnu xi hitan.

**4.0 <u>Laqgha dwar is-Solar Heaters</u>**

4.1 Is-Sindku rrefera ghal-fatt li wasal iz-zmien li ninfurmaw aktar lill-pubbliku dwar il-prodott li ser jixtru u kif jahdem. Sar qbil ghalhekk li ghandna naghmlu laqgha mal-pubbliku nhar it-Tnejn 6 t'April fil-5 ta' filghaxija. Il-laqgha ghandna tigi mmexxija mill-Inginier Mark Guillaimier. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa'

mieghu nofs siegha qabel il-laqgha. Il-Kunsill qabel li qabel ma johrog is-sussidju tal-gvern m'ghandniex nipprocedu fuq ix-xiri taghhom.

## 5.0 Konferenza f'Malta : Zooming and Sustainability

5.1 Is-Sindku rrefera ghall-Konferenza Internazzjonali li ser tinzamm f'Malta bejn it-13 u l-15 ta' Mejju fejn fiha ser jippartecipaw Kunsilli Lokali minn Malta u Ghawdex kif ukoll bil-partecipazzjoni ta' delegazzjoni tal-komunita' gemellata maghhom. Is-Segretarja at deskrizzjoni tal-Konferenza u semmiet li ghal din il-konferenza huma mistiedna hames partecipanti minn Colle Umberto u hames partecipanti mill-Kunsill Lokali taghna. Hawnhekk hija talbet lill-Kunsilliera jekk humiex interessati li jattendu. Is-Sindku, l-Vici Sindku, il-kunsilliera Joe Sultana u Luigia Grima u s-Segretarja Lucienne Haber urew l-interess li jattendu.

## 6.0 Konferenza f'Colle Umberto fl-okkazzjoni tal-25 Anniversarju tal-Gemellagg ma' La Ballme de Sillingy

6.1 Is-Sindku hawn irrefera wkoll ghal konferenza li ser tinzamm f'Colle Umberto bejn il-21 u l-25 ta' Mejju fejn qed jitolbuna biex nibghatu l-participazzjoni taghna. Sar qbil li ghandna nitolbuhom biex huma jiffinanzjawlna l-akkomodazzjoni u d-delegazzjoni taghna nhallsulha biss il-vjagg ta' l-ajru.

6.2 Sar qbil li ghandha ssir laqgha tal-Kumitat tal-Gemellagg kemm jista jkun malajr biex jigu diskussi dawn id-dettalji.

## 7.0 L-applikazzjoni tal-Attivita' Sportiva

7.1 Giet trattata l-ittra minghand il-Ministeru tal-Kultura u Sports fejn gejna infurmati li l-applikazzjoni taghna ghall-attivita' sportiva giet accettata u b'hekk ser nikkwalifikaw ghal xi fondi.

## 8.0 Kuntatt gdid ma' Isola d'Elba

8.1 Is-Sindku rrefera ghal fatt fejn meta kien fuq zjara personali f'Isola d'Elba, kellu laqgha mas-Sindku tal-post u intweriet ix-xewqa minn nahha ta' Elba li nibdew kuntatt bejn iz-zewg komunitajiet. Il-Kunsill qabel li ghandu jibda dawn it-tahdidiet billi lill-komunita' ta'Isola d'Elba ghandna ninkluduhom bhala partecipanti fil-progett li ser jinzamm f'Ottubru u li ghalih ser napplikaw fondi mill-Unjoni Ewropea.

9.0 Finalizazzjoni tad-Draft tat-Traffic Management fil-Lokal

9.1 Is-Sindku propona li biex nistudjaw bis-serjeta l-implimentazzjoni ta' dan id-draft, ghandna nippreparaw pjanta tar-rahal fuq skala kbira u fuqha jigu mmarkati s-suggerimenti li tressqu fil-laqgha ta' qabel. Sar qbil li kopja ta' din il-pjanta tighata lill kull kunsillier biex japprovaha qabel tintbghat.

10.0 **Approvazzjoni tal-Performance Bonus tal-Impjegati**

10.1 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-kunsilliera l-Performance Bonus tal-impjegati tal-Kunsill. Huwa semma li fl-opinjoni tieghu tassew jimmeritaw dan il-bonus peress li jwettqu dmirijiethom tajjeb hafna u jaghmlu xoghol oltre minn dak li huma obbligati li jaghmlu, fosthom progett ta' l-UE li permezz taghhom tinholoq l-opportunita ta' fondi addizzjonali ghall-Kunsill Lokali Huwa qal li dawn il-fatturi jimmertawhom li jiehdu l-performance bonus.

10.2 Huwa talab l-approvazzjoni tal-Kunsill ghal dan u l-Performance Bonus gie approvat unanimament.

11.0 **Materji ohra**

11.1 Is-Sindku propona li jekk jinghatalna kennies iehor mill-ETC, inkunu nistghu nwaqqfu parti mill-kuntratt tas-St. Laurence Spurs biex niffrankaw il-flus. Huwa propona li nhallu l-parti tal-kuntratt fejn fiha jnaddfu fil-gimgha u organizazzjoni tal-iSports Days. Il-Kunsill qabel ma din il-proposta u li ghandu jibghatha lis-St. Laurence Spurs u wara niddiskutu l-kontra proposti taghhom.

11.2 Is-Sindku rrefera ghal fatt li peress li m'ghandniex kuntratt tal-manutenzjoni tat-tisqija tas-*soft areas* jehtieg li peress li diehel is-sajf nahsbu ghal alternattiva minhabba t-tisqija taghhom. Il-kunsill iddiskuta l-possibilita' li u dan ix-xoghol jibda jsir mil-haddiema tieghu jew inkellha ghandna nkellmu lid-Dipartiment tal-Agrikulutra jew lil Patrick Caruana dwar din il-possibilita biex jipprovdu dan is-servizz. Il-Kunsill awtorizza lis-Sindu u lis-Segretarja biex isibu l-ahjar soluzzjoni.

11.3 Is-Sindku rrefera ghat-tariffi tal-Vodafone fuq il-mowbajl li juza hu. Huwa semma' li sabiex jiffranka l-flus lill-Kunsill, huwa wara konsultazzjoni mas-Segretarja qaleb ghal tariffa orhos li bil-prezz ta' €55 li jinkludi 4 sighat ta' telefonati ghal fuq kull linja, u 250 messagg b'xejn, filwaqt li fil-weekends ikun b'xejn ukoll. Huwa semma li wara li huwa u s-segretarja analizzaw din it-tariffa deher li jaqbel bil-bosta li naddottawha.

11.4 Il-Kunsillier John Mercieca staqsa lis-Sindku jekk il-puliziija jafux bil-qbil li kien hemm li nuzaw l-ghassa tal-pulizija biex jistkennu t-tfal fiha meta tkun ix-xita ghax huwa personalment tkellem ma xi pulizija u qallu li ma ghandu l-ebda ordni. Is-Sindku semma li l-qbil sar verbalment mas-Supretendent Antonello Grech. Sar qbil li ghandu nivverifikaw mas-Supretendent il-gdid t'Ghawdex.

11.5 Is-Sindku ta deskrizzjoni ta' x'sar u qed isir dwar in-nominazzjoni tat-Tieqa tad-Dwejra bhala wahda mis-Seba' Ghegubijiet tad-Dinja. Huwa rrefera ghall-aktar inizjattivi mehudha biex timxi kemm jista jkun il-kelma biex il-poplu jivvota ghaliha. Huwa semma li kellu diversi ntervisti fuq il-media dwar dan sahansitra anke barra minn Malta.

11.6 Il-kunsillier John Mercieca propona li bhala Kunsill imorru f'kull skola f'Malta u Ghawdex u titqassam card ta' pubblicita' lil kull student. Is-Sindku semma li fil-fatt dan l-esperiment diga beda mal-iskola tal-Konservatorju tal-Isqof f'Ghawdex u ntlaqghet tajjeb hafna . Sar qbil li ghandha tintbghat email lill-iskejjel u nhegguhom biex iqajjmu kuxjenza fost l-istudenti rigward din l-inizjattiva li minnha ser igawdi Ghawdex kollu.

11.7 Il-Kunsillier John Sultana rrefera ghal problema tas-sajd dwar abbuzi fis-sajd li qed isiru fid-Dwejra, bhal ma huma nasses tal-wire li qed jeqirdu l-hut kollu tad-Dwejra. Is-Sindku semma li b'din il-problema diga kien informa lill-MEPA pero propona wkoll li ghandna niktbu ittra lill-Pulizija u ninfurmawhom b'din l-illegalita'.

11.8 Il-Kunsill iddiskuta wkoll il-problema ta' nuqqas ta' spazju fl-Ufficini tal-Kunsill u dwar il-htiega ta' ufficini akbar u aktar accessibli. Il-Kunsill qabel li l-ahjar soluzzjoni tkun li jkollna ufficini aktar centrali. Issemmew xi postijiet qrib il-pjazza u sar qbil li s-Sindku ghandu jikkuntatja lil xi sidien dwar jekk humiex interessati fil-kera.

11.9 Il-Vici Sindku rrefera ghall-htiega ta' manutenzjoni ta' zewg hofriet kbar li jinsabu fi sqaq fil-Qawra, Dwejra u dwar il-bzonn li tingabar Slippery Sign li hemm fid-Dwejra ghax waqghet fl-ilma.

11.10 Il-kunsillier John Mercieca staqsa wkoll dwar il-possibilita' li r-rampa tad-Dwejra titqaxxar bi scraper jew jintefghalu xi acdtu biex ma tibqax tizloq.

Il-laqgha ntemmet fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| ***Noel Formosa*** | ***Lucienne Haber*** |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |